**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 18 t' Ottubru, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 35**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 34 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
35.5 Rapporti;
35.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
35.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
35.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
35.9 Tender for the Cleaning of Public Conveniences in the Locality of Qrendi, in an Environmentally Friendly Manner;
35.10 Bye-Law dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġnien tal-Kmand;
35.11 Management Letter għas-Sena Finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020;
35.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
35.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-35 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

35.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

35.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

35.2.1 Il-Minuti tal-34 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

35.2.2 Il- Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 35.3, 35.4 u 35.5 jiġu diskussi wara Minuta 35.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

35.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

35.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li tħalset il-multa maħruġa mill-Building & Construction Authority setgħa jitkompa x-xogħol. Ix-xogħol fuq it-tqattieħ tal-ġiebja jinsab lest u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-playground.

35.6.2 Kompla jgħid li llum ħarġet skema tal-kapital project fejn nistgħu napplikaw sa €85,000. Huwa ppropona li napplikaw u l-kunsill qabel b'mod unanimu.

35.6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk nistgħux nibdew il-proċeduri biex jinħarġu tenders għax-xogħolijiet li fadal. Is-Sindku nfurmah li din il-proposta diġa ġiet diskussa mal-perit.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

34.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol tlesta u qegħdin fl-istadju fejn il-perit jikwantifika x-xogħol sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-pagamenti.

34.7.2 Qal ukoll li waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet intlaqtet xi struttura u qed isir rapport minn perit apposta sabiex jikwantifika l-ħsara li saret u b'hekk inkunu nistgħu nikklemjaw il-ħlas tagħha.

35.08 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL KUNSILL LOKALI**

35.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċivejna komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn għarfuna li rridu nibdew il-proċess mill-bidu.

35.08.2 Kompla jgħid li bħalissa qed nistennew l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex noħorġu l-avviżi fuq il-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali..

35.09 **TENDER FOR THE CLEANING OF PUBLIC CONVENIENCES IN THE LOCALITY OF QRENDI IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER**

35.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li nħarġet kwotazzjoni għal dan is-servizz għal tul ta' tlett xhur minħabba li konna irċivejna ittra bl-avukat minn wieħed mill-offerenti u għalhekk kellu jieqaf il-proċess kollu u minħabba li l-kuntratt huwa skadut.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.09.2 Kien hemm tlett kwotazzjonijiet. Il-Bord tal-għażla sab diffikulta fir-rigward lil min tingħata u ħass li din għandha tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

35.09.3 Wara li saret diskussjoni il-Kunsill qabel li għandha tingħata lil irħass offerent bil-kundizzjoni li jiġi verifikat li huwa verament eżentat milli jħallas il-VAT. Dan sabiex ma jinħolqux preċedenti li tingħata l-kwotazzjoni lil xiħadd li jkun qed jaħdem bil-prekarjat.

## 35.10 BYE-LAW DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠNIEN TAL-KMAND

35.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li ġiet imħejjija bye-law dwar l-użu tal-Ġnien tal-Kmand. Ġew diskussa xi punti fir-rigward.

35.10.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ngħaddu din il-bye-law lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tagħhom.

## 35.11 MANAGEMENT LETTER GHAS-SENA FINANZJARJA LI GHALQET FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2020

33.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar il-Financial Statements tal-2020 ġew iffinalizzati.

35.11.1.2 Żied li l-awdituri tal-NAO, bagħtulna l-Management Letter tagħhom u min-naħa tagħna weġibna din l-ittra.

35.11.1.3. Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Management Letter u r-risposta tal-Kunsill Lokali jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.11.1.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

35.11.2 Is-Sindku nforma l-kamra li l-awdituri ġibdulna l-attenjoni li hemm xi pagamenti li għadhom ma tħalsux lil Kunsill Lokali u dawn imorru lura għal diversi snin.

35.11.2.1 Huwa ppropona li dawn l-pagamenti jiġu *written-off*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 35.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

35.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li kien mistieden għal-*launch* tal-Fun Run u qal li qed jitolbu li jkolna 100 parteċipant. Ser nibgħatu stedina lil għaqdiet tar-raħal sabiex ikunu parteċipi huma ukoll u nippromwovu l-attivita' fuq il-media soċjali.

35.3.2 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku li saru l-installazzjonijiet tal-internet permezz tal-iskema WI-FI 4U. Ġew installati 2 mal-librerija pubblika (waħda tagħti lejn il-ground u oħra lejn l-iskola) u oħra mal-Kazin tas-Soċjeta Filarmonika Lourdes.

35.3.3 Is-Sindku qal li fis-6 ta' Novembru ser ikun hemm *re-enactment* quddiem it-Torri ta' Xutu f'Wied iż-Żurrieq u t-torri ser ikun miftuħ għal pubbliku.

35.3.3.1 Qal li l-kotba li ppubblika l-Kunsill fuq dan it-torri ser jingħataw lil Din l-Art Ħelwa sabiex ikunu jistgħu jinxtraw mill-pubbliku u l-qliegħ imur għal din l-Art Ħelwa stess.

35.3.4 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku li l-Ħamis 28 t'Ottubru 2021 ser ikun hemm il-*launch* tac-*charging pilasters* f'Wied iż-Żurrieq. Bħala Kunsill Lokali ma rċivejna ebda stedina.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.3.5 Is-Sindku nforma l-kamra li ġie ikkuntatjat mill-BICC fejn talbu li nagħtuhom postijiet fejn l-istudenti tagħhom jagħtu servizz ta' tiswija ta' ħitan tas-sejjiegħ.

35.3.5.1 Fil-preżent qed jagħmlu ħajt li kien waqa fl-area Tal-Ħniena. Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja ppropona ħajt li hemm fi Triq Sant'Anna.

35.3.6 Is-Sindku David Schembri qal l-applikazzjoni għall-iskema tal-fondi tal-Attivitajiet Kulturali ma ġietx aċċettata. Huwa talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-kriterji għaliex l-applikazjoni ma ġietx aċċettata.

35.3.7 Is-Sindku nforma l-kamra li applikajna għall-iskema tal-LESA hekk kif diskuss fl-aħħar laqgħa. Issa irridu nistennew li jinħareġ ir-riżultat.

35.3.8 Is-Sindku David Schembri qal matul tmiem il-ġimgħa attenda seminar li sar minn grupp ta' żgħażagħ fejn dawn qed jippruvaw joħolqu NGO fuq *Youth Empowerement*.

35.3.8.1 Huwa kompla jgħid li jkun ideali kieku xi żgħażagħ mir-raħal ikunu parteċipi f'din l-organizzazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ser jara jkunx hemm xi żgħażagħ li jinteressaw ruħhom.

35.3.9 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku David Schembri li l-Kap tal-iskola Helen Keller ser tirtira mil-kariga tagħha u ser issir quddiesa f'dan ir-rigward. Huwa saqsa jekk bħala Kunsill għandniex nixtrulha tifkira ta' apprezzament għal ħidma tagħha. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

35.3.7 Is-Sindku qal li s-siġar tal-palm li hemm fi Triq it-Tempesta hemm bżonn li jinżabru. Huwa kompla jgħid li minħabba li hemm bżonn high-up saret talba lil kazini tas-soċjetajiet tal-banda biex naraw min ikun lest li joffri dan is-servizz u ta dan jingħataw il-ħlas ta' €150.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 35.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

35.4.1 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja saqsa jekk jistgħux jinbidlu l-fanali tal-*istreet lighting* li hemm fil-qalba tar-raħal kif kien diskuss fil-bidu tal-leġiżlatura.

35.4.1.1 Is-Sindku qal li l-ispiża hija kbira u naraw insibux xi fondi li nistgħu napplikaw f'dan ir-rigward.

35.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li l-ittra fir-rigward tal-*ispeed hump* fi Triq Ħaġar Qim sabiex tintbagħad lir-residenti hija lesta u saqsiet x'inhu l-pass li jmiss.

35.4.2.1 Is-Sindku nfurmaha li ladarba tintbagħad lir-residenti, naraw x'ikun il-proponiment tagħhom u l-iktar proposta li jkollha l-akbar ammont tintbagħad lil Transport Malta sabiex jagħtu d-direzzjoni min-naħa tagħhom.

35.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar ħsara mal-faċċata li xi residenti ta' Triq it-Torri esperjenzaw minħabba makkinarji kbar u saqsiet jekk jistgħax isir xi ħaġa fir-rigward.

35.4.3.1 Is-Sindku nfurmaha li l-Kunsill għadda l-każ lil Pulizija fejn dawn qed jinvestigaw min-naħa tagħhom. Fit-triq imsemmija hemm tabelli li jindikaw li ma jistgħux jidħlu inġenji kbar.

35.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar l-iskema tal-LC Care fejn qalet li l-fuljett qiegħed fil-fażi finali.

35.4.5 Fir-rigward tas-sezzjonijiet edukattivi ġewwa l-iskejjel, dawn ma sarux minħabba r-restrizzjonijiet li hemm fl-iskejjel minħabba l-COVID.

35.4.5.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet fir-rigward tal-*clean-up* li ser issir fit-30 t'Ottubru fejn sa issa kien hemm rispons minn persuna waħda biss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

35.4.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk jistgħux jinżebaw l-*ispeed humps* li hemm fi Triq is-Siġġiewi minħabba li ż-żebgħa telqet.

35.4.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar bankina mkissra u perikoluża fi Triq Filippu Zammit.

## 35 .5 **RAPPORTI**

35.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 35.12 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

35.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €21,896.90 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/21 u €128.19 skont il-Petty Cash Ref Y/9.

35.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

35.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

35.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 35.13 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

35.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 22 ta' Novembru, 2021 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Stephania Grixti** | **David Schembri** |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |